MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 163/2009/1

**John Camilleri u Salvina Camilleri**

**vs**

**Emanuel Attard u Michelina Attard**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fid-19 ta' April 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors promotur datat l-04 ta' Mejju tas-sena 2009 li permezz tieghu r-rikorrenti konjugi Camilleri sejhu lill-intimati konjugi Attard quddiem din il-Qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati wara li jigi dikjarat u deciz li l-intimati kienu responsabbli ghall-hsarat*

*sofferti mir-rikorrenti fil-fond dar il-Kenn, Triq Dun Nard Mallia, Zurrieq:*

*1. Tordna lill-intimati biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jesegwixxu x-xoghlijiet rimedjali rikjesti biex jigu rimossi n-nuqqqasijiet ezistenti fil-fond taghhom fuq imsemmi u dan taht sorveljanza ta' Perit nominat mill-Qorti jekk ikun il-kaz;*

*2. Tordna wkoll lill-intimati biex fl-istess zmien qasir u perentorju prefiss lilhom skont it-talba precedenti, jirrimedjaw l-hsarat kollha kkawzati fil-fond tar-rikorrenti kif jinghad hawn fuq bis-sorveljanza ta' l-istess Perit;*

*3. Illi f'kaz li l-intimati jonqsu milli jesegwixxu x-xoghlijiet opportuni skont iz-zewg talbiet precedenti fiz-zmien li jkun gie lilhom prefiss tawtorizza lir-rikorrenti biex jesegwixxu huma stess ix-xoghlijiet relattivi a spejjez tal-intimati;*

*4. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-21 ta' Jannar tas-sena 2009 u b'rizerva ta' kull dritt ta' azzjoni spettanti lir-rikorrenti ghar-rigward ta' danni ohrajn li ghad jista` jsofru kontra l-intimati;*

*Rat ir-risposta tal-intimati Attard datata l-24 ta' Gunju, tassena 2009, li permezz taghha rrispondew is-segwenti:*

*1. Illi fl-ewwel lok l-inkompetenza ta' din il-Qorti ai termini ta' l-artikolu 747 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjenti ma kkagunaw ebda hsara fil-fond tar-rikorrenti u lanqas ma huma responsabbli ghal xi hsara li jista' jkun hemm fil-fond tar-rikorrenti;*

*3. Illi konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;*

*4. Salvi eccezzjonijiet ohra;*

*Rat il-verbal tar-rikorrenti datat l-24 ta' Gunju tas-sena 2009 li permezz tieghu iddikjaraw li l-valur ta' danni jeccedi l-elf u hames mitt Lira Maltin, (LM1,500.00), izda mhux il-hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00);*

*Rat il-verbal tal-intimati wkoll datat l-24 ta' Gunju tas-sena 2009 li in vista tal-verbal indikat fil-paragrafu precedenti, rtiraw l-ewwel eccezzjoni kontenuta fir-risposta taghhom; Semghet ix-xhieda prodotta; Rat id-dokumenti esebiti inkluzi l-affidavitijiet prodotti; Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:*

*1. Illi r-rikorrenti jirrisjedu ezatt biswit proprjeta` tal-intimati;*

*2. Illi l-intimati bnew il-proprjeta` taghhom;*

*3. Illi rizultat ta' dan il-bini, il-proprjeta` tar-rikorrenti bdiet issofri minn hsarat strutturali;*

*4. Illi dawn il-hsarat sofferti mir-rikorrenti kienu sehhew meta l-appaltatur minnhom inkarigat beda jqatta' l-konkos bil-"jack hammer" li hezzu d-dar tar-rikorrenti;*

*5. Illi saru diversi inkontri bejn il-partijiet u l-Periti taghhom u eventwalment il-hsarat riskontrati fil-proprjeta` tar-rikorrenti jirrizultaw li kienu s-segwenti:*

*i. Kamra tas-sodda: tlett (3) gebliet imcaqalqin u l-bzonn ta' tibjid;*

*ii. Hsarat fil-madum tal-kamra tal-banju; inkluza fil-burdura ta' l-istess u l-bzonn ta' sostituzzjoni ta' xi madum li tkisser;*

*6. Illi ghalkemm l-intimati jidhru li kienu lesti jissostitwixxu l-madum imkisser irrizulta li ma setax jinstab madum bhal*

*dak uzat u ghalhekk inqalghet il-htiega li jigu mibdula l-madum kollu tal-kamra tal-banju de quo;*

*7. Illi ghalkemm ir-rikorrenti sabu ruhhom f'din is-sitwazzjoni xejn pjacevoli li jhossu li d-dar taghhom giet skonsakrata, minn naha 'l ohra l-intimati hassewhom li hemm diskrepanza spoporzjonata bejn il-hsara attwalment ikkagunata u l-predikament li effettivament sabu ruhhom fih;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Albert V. Mallia noe vs Henry Formosa, Qorti ta' l-Appell, 28 ta' Settembru, 1949, Vol XXXIII O I pp 844 et sequitur:*

*"Meta l-oggett danneggjat jista' jissewwa minghajr pregudizzju ta' min sofra l-hsara, ir-risarciment tad-danni huwa ristrett ghall-ispejjez tar-riparazzjoni; imma meta l-oggett danneggjat ma jistax jissewwa u jsir inservibbli, id-danni ghandhom ikunu l-valur tas-sostituzzjoni ta' dak l-oggett b'wiehed gdid, u mhux jehles id-danneggjant mir-responsabbilita` billi jhallas il-valur ta' l-oggett danneggjat meta saret il-hsara".*

*Ikkunsidrat:*

*Illi minn analizi tar-rizultanzi kif fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:*

*1. Illi l-intimati jirrizulta li kienu l-kawza prossima tal-hsarat sofferti mir-rikorrenti ghaliex:*

*i. Ix-xoghlijiet in dizamina saru fuq struzzjonijiet taghhom;*

*ii. Kienu au courrant tad-danni li r-rikorrenti kienu qed isofru bhala rizultat ta' dawn ix-xoghlijiet;*

*iii. Sahansitra, anke assumew responsabbilita` ta' dan kollu meta offrew li jissostitwixxu xi madum tal-kamra tal-banju tar-rikorrenti u li jbajdu xi bnadi ta' l-istess dar;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi ghandu jkun pacifiku li meta jkun qed isir xoghol strutturali li jkun immedjatament adjacenti ma' proprjeta` ta' terzi, haga verament komuni fit-topografija ta' dawn il-gzejjer, il-kuntrattur inkarigat ghandu d-dmir li jezercita kura straordinarja biex ma jkun ta' l-ebda dannu ghad-drittijiet u ghas-serenita` ta' terzi innocenti;*

*Illi din il-Qorti kif preseduta tissottolinea li l-inkolumita` u s-serenita` ta' tali terzi nnocenti jattiraw l-oghla forma ta' tutela li qed tissottolinea b'rebustezza;*

*Illi jirrizulta li r-rikorrenti ssubew il-hsarat fir-residenza taghhom, l-aktar ghal dak li jirrigwardja l-madum tal-kamra tal-banju taghhom, minhabba t-thezziz ikkagunat mill-makkinarju uzat fil-bini tal-intimati;*

*Illi l-kwistjoni hadet pjega negattiva ghaliex inzerta li l-madum u l-burdura wzati fil-kamra tal-banju tar-rikorrenti ma jirrizultawx sostitwibbli ghaliex m'ghandhomx jigu mahduma jew importati u ghalhekk, biex ir-rikorrenti jitpoggew fil-pozizzjoni originali taghhom qabel ma sofrew il-hsarat in dizamina, jehtieg li jinbidel il-madum kollu;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi kif stabbilit fil-kawza fuq indikata la jirrizulta abbundantement assodat li d-danni sofferti ma jistghux jissewwew billi jigi sostitwit il-madum imkisser, allura l-istess madum tal-kamra tal-banju tar-rikorrenti ghandu jigi sostitwit u ta' dan, huma biss l-intimati li ghandhom ikunu responsabbli ghall-istess;*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-Qorti filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-intimati, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u:*

*1. Tiddikjara li huma l-intimati konjugi Attard li huma responsabbli ghall-hsarat sofferti mir-rikorrenti Camilleri;*

*2. Tordna lill-intimati biex fi zmien xahrejn (2) mil-lum jinbidel il-madum tal-kamra tal-banju tar-rikorrent fuq l-ghazla proporzjonata ta' l-istess rikorrenti u taht is-sorveljanza ta' Perit imqabbad mill-istess rikorrenti;*

*3. Tordna wkoll li fl-istess perjodu ndikat fil-paragrafu precedenti u taht is-sorveljanza ta' l-istess Perit, jigu rimedjati l-hsarat l-ohra kollha kkagunati mill-intimati;*

*4. Illi fil-kaz ta' inadempjenza, tordna wkoll li dawn ix-xoghlijiet isiru mill-istess rikorrenti Camilleri a spejjez tal-intimati Attard;*

*5. Bl-ispejjez kontra l-intimati"*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emanuel Attard (876366M) u Michelina Attard (337335M) datat 09 ta' Mejju 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom mressqa tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-08 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta ta' l-appellati datata 06 ta' Lulju 2011 a fol. 18 tal-process fejn sostnew ghar-ragunijiet hemm indikati li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Anna Mallia ghall-appellati prezenti, li taw ruhhom b'notifikati bl-avviz tas-smigh u Dr Pawlu Lia ghall-appellant prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-30 ta' Ottubru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 19 ta' April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellanti huma (a) li ma giex ippruvat li kien hemm ness ta' kazwalita' bejn ix-xoghol maghmul mill-appellanti fil-fond adjecenti ghall dak ta' l-appellati u l-hsara sofferta fil-fond tal-appellati ghaliex ma giex ippruvat il-fatt dannuz, l-inputabilita' tal-istess fatt ghal min ikun ghamlu u li d-danni kkagunat mill-istess fatt; (b) la darba l-hsara li gie ikkawzata kienet tinkludi biss tixqiq fit-tlett madumiet u fil-bordura ta' wahda mela allura ma kellhux jigi deciz li tinbidel il-kamra tal-banju kollha u dan ghaliex l-obbligu huwa ta' *restitutio in integrum* u mhux li jarrikki ruhhu mill-istess kawzali.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li effettivament fl-istess decizjoni tal-Ewwel Qorti ma hemm l-ebda dubju li inghad li kien hemm ness ta' kazwalita' bejn id-dannu soffert mill-appellat u l-appellant u dan kien minhabba li bil-konsegwenza tax-xoghol li sar mill-appellanti fil-fond adjecenti ghal dak tal-appellati saret il-hsara lamentata mill-appellati; jidher li din il-hsara skond l-istess sentenza giet ikkawzata minn nuqqasijiet da parte tal-appellanti li fix-xoghol taghhom ma qaghdux bizzejjed attenti sabiex ma jikkawzawx hsara fil-fond adjecenti u l-istess decizjoni, fil-fatt indikat f'hiex kien jikkonsisti dan in-nuqqas, u ghalhek f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li kif l-istess Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghhom jidher ovvju li gie ppruvat li hemm ness ta' kazwalita' bejn ix-xoghol maghmul mill-appellanti fil-fond adjecenti ghall dak ta' l-appellati u l-hsara sofferta fil-fond tal-appellati, u ghalhekk skond is-sentenza gie ippruvat il-fatt dannuz, l-inputabilita' tal-istess fatt ghal min ikun ghamlu u li d-danni kkagunat minn dak l-istess fatt.

Illi mela allura la darba huwa hekk din hija kwistjoni tirrisolvi ruhha f'apprezzament ta' fatti u dan ghaliex jidher li l-appellanti mhux qed jaqblu bhala fatt ma' dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti. Izda hawn il-principju dwar l-istess huwa dak indikat fis-sentenzi **"Alvin Spiteri**

**Debono vs Lorant Kulscar"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' Gunju 2012); **"Claire Vella nee' Gatt vs Marianne Scott"** – A.I.C. (RCP) – 7 ta' April 2011); **"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"** (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); **"Carmelo Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003); **"John Bezzina et vs Emanuel Camilleri"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Ottubru 2011) u **"Angelo Bilocca vs John Mary Cardona"** (A.I.C. (RCP) – 11 ta' Ottubru 2011) fejn inghad li:-

*"illi f'dan l-appell ta' appellant huwa msejjes ssotanzjament fuq l-allegazzjoni li sar apprezzament hazin tal-fatti mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tintalab tqanqal l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward, issir riferenza ghas-sentenzi **"Carmel Zammit et vs Anthony Lia"** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' Ottubru 2009) u **"Noel Cutajar vs Graziella Zahra"** (A.I.C. (RCP) – 11 ta' Ottubru 2011) fejn inghad li sabiex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni tvarja jew thassar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti, din ta' l-ewwel trid tkun sodisfatta illi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti giet ezercitata manifestament hazin. F'dan is-sens, hija s-sentenza fl-ismijiet **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited"** (A.C. - 4 ta' Lulju 2008) fejn il- Qorti rriteniet illi:-*

*"Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi".*

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li l-hsara lamentata giet effettivament ikkawzata bix-xoghol tal-appellanti, u dan mhux biss ghaliex sar xoghol adjacenti ghall-fond taghhom, izda wkoll bil-mod kif sar u thalla l-istess xoghol u dwar dan hemm ix-xhieda tal-periti, nkluzi

dak imqabbad mill-Qorti, u wkoll tal-atturi. Minbarra dan jidher li l-kwistjoni bejn il-partijiet ma kienitx dwar dan izda dwar kif kienu ser jigu rrangati l-hsarat li gew ikkawzati. Dan huwa car kemm mill-provi kollha prodotti, fejn jidher li dan kien effettivament id-dizgwid bejn il-partijiet, u l-mod kif saru dawn l-atti quddiem din il-Qorti. Fil-fatt din hija l-vera pendenza u s-sors ta' diverbju bejn il-partijiet u dwar din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju ghaliex fil-verita' hemm tidher id-divergenza sostanzjali li hemm bejn il-partijiet. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju jidher li l-kwistjoni kollha hija jekk ghandhiex tinbidel il-kamra tal-banju kollha la darba tkissru biss tlett madumiet u wkoll maduma fil-bordura li llum ma ghadhiex issir, u dwar dan il-punt din il-Qorti thoss li hija taqbel ma' dak li nghad fis-sentenza studjata fl-ismijiet **"Patricia Pace et vs Alfred Mallia"** (P.A. (JZM) – 30 ta' Settembru 2010) fejn jinghad li ghalkemm il-principju huwa li sakemm jista' jkun d-danneggat ghandu jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx ikkagunata l-hsara, izda minn naha l-ohra jekk dan ma jkunx jista' jsir, bhal dan il-kaz, id-dannegjat ma ghandhux jigi mghobbi b'pizijiet biex jirriduci l-hsara, u ghalhekk la darba llum is-sitwazzjoni f'dan il-kaz hija li l-madum li inkiser ma hawnx bhalu, u ma' jistax jinbidel dan jinnecessita l-bdil tal-kamra tal-banju kollha u ghalhekk il-konkluzzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti anke hawn hija korretta (**"Antonio Zammit vs Mario Calleja"** (A.I.C. 12 ta' Jannar 1997); **"John Tufigno vs Joseph Micallef nomine"** (A.C. – 23 ta' April 1965); **"Emanuel Galea proprio et nomine vs Paolo Gatt et"** (A.C. – 24 ta' Novembru 1958); **"Albert V. Vella nomine vs Henry Formosa"** A.C. – 28 ta' Settembru 1949). Dan ovvjament jiddependi minn kaz ghal kaz u mill-fattispecie tal-kaz odjern jidher u hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-konkluzzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti hija korretta u konsistenti ma' dawn l-insenjamenti. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell datata 6 ta' Lulju 2011 biss in kwantu konformi ma' dak hawn deciz, u **tichad l-appell tal-appellanti Emanuel Attard et fir-rikors tal-appell datat 9 ta' Mejju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "John Camilleri et vs Emanuel Attard et" datata 19 ta' April 2011 (Rikors Numru 163/09/SM) b'dan li t-terminu ta' xahrejn indikat fid-decide konsegwenti ghat-tieni talba attrici ghandu jibda jiddekori millum.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Emanuel Attard et.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------